

# Fl-Ewropa aħna nirrikonoxxu li hemm ambjent wieħed u li d-dmir aħħari tagħna huwa li nħarsuh.

Il-Grupp Parlamentari
tal-Partit
tas-Soċjalisti Ewropej



Biex tinforma ruħek
dwar il-ħidma tas-Soċjalisti Ewropej
fil-qasam ta' l-ambjent,
jekk jogħġbok żur dawn il-websites:

↓

**Grupp PES:**
**http://www.socialistgroup.org**
**PES:**
**http://www.pes.org**








**Kuntatti**
Il-Grupp Parlamentari
tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej,
Parlament Ewropew, Rue Wiertz, B-1047 Brussell
Tel.: +32 2 284 14 40
E-Mail: peswbprogramme@europarl.eu.int

ENVI - MT
Resp. editor: Christine Verger, PES Group, Wiertz Str., B-1047 Brussels
Design/production: Mostra Communication



**L-Unjoni Ewropea**
↓

## Ambjent b'Saħħtu Għal Saħħitna

Matul is-snin u b'mod partikolari fil-Kunsill ta' Gotenborg fl-2001, il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea għarfu li l-ambjent m'hux tema iżolata li taqa' biss fi ħdan il-konfini nazzjonali. Il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea għarfu wkoll li d-deċiżjonijiet li jittieħdu anki f'oqsma oħra, mit-trasport u l-biedja sal-kummerċ u l-iżvilupp internazzjonali, kollha jinfluwenzaw fit-tajjeb u l-ħażin l-ambjent ta' madwarna.

Biex intejbu l-kwalita` tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet futuri, il-politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea jridu jikkunsidraw l-ambjent ta' madwarna. Dan huwa magħruf bħala "żvilupp sostenibbli": infittxu il-bilanċ bejn il-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

Ir-rwol ta' l-Unjoni Ewropea hija li ssaħħaħ u tikkoordina x-xogħol tal-pajjiżi fi ħdanha u tara li l-gvernijiet qed iwett-qu dak li jwiegħdu. L-Unjoni Ewropea hija s-sors ewlieni tal-leġislazzjoni dwar l-ambjent. Il-politika ambjentali ta' llum tħaddan seba' oqsma ewlenin: it-tniġġis ta' l-arja, ir-riċiklaġġ ta' l-iskart, l-immaniġġjar tar-riżorsi, il-ħarsien tal-ħamrija, l-ambjent urban, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-ħarsien ta' l-ambjent.

**Is-Soċjalisti Ewropej**
↓

## Ambjent b'Saħħtu huwa Dritt taċ-Ċittadin

Is-Soċjalisti Ewropej jemmnu fil-kunċett ta' l-iżvilupp sostenibbli. Huwa neċessarju li nikkonsmaw inqas riżorsi naturali u nsibu mezzi kif nużawhom aħjar. Kull ċittadin għandu dritt li jgħix f'ambjent b'saħħtu u dan huwa importanti għall-kwalita` tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna daqskemm huwa importanti livell xieraq ta' riżorsi materjali u soċjali.

L-iżvilupp sostenibbli u r-rispett lejn l-ambjent jistgħu jseħħu flimkien ma' l-iżvilupp ekonomiku u mal-ħolqien tax-xogħol. Teknoloġiji nodfa, li jippreservaw l-enerġija, diġa` jeżistu f'numru ta' oqsma ta' l-attivita` industrijali. Ħafna impjiegi fl-Unjoni Ewropea nħolqu f'oqsma differenti marbuta mal-ħarsien ambjentali.

Il-faqar u t-tniġġis ambjentali huma ħafna drabi marbuta ma' xulxin. Ħafna drabi huma il-popolazzjonijiet l-iktar foqra fid-dinja li jsofru mill-ikbar problemi ambjentali. Għalhekk, l-ambjent f'pajjiżi inqas żviluppati huwa problema tagħna lkoll.

**Vantaġġi għaż-żmien li ġej**
↓

## Iktar Ċittadini jgħixu f'Ambjent b'Saħħtu

Studju riċenti tal-Kummissjoni Ewropea juri li l-politika ambjentali fil-pajjiżi msieħba ġodda ser iġġib vantaġġi mhux biss f'dawn il-pajjiżi iżda wkoll għall-Unjoni Ewropea kollha u għar-reġjuni ġirien. L-UE qed tikber. Il-politika ambjentali ta' l-Unjoni Ewropea ser tkun implimentata fost il-pajjiżi kollha ġodda. Huwa importanti u kruċjali li r-regoli ta' l-Unjoni Ewropea nimplimentawhom skond iċ-ċirkostanzi tagħna. Dan huwa proġett ambizzjuż iżda realistiku.

Il-vantaġġi li rridu niksbu huma:

- Saħħa pubblika aħjar: b'inqas tniġġis ta' arja, in-numru ta' mard respiratorju u l-imwiet bikrija jonqsu.
- Inqas ħsara lill-għelieqi, lill-biedja u lis-sajd, kif ukoll lill-bini minħabba li x-xita aċiduża u forom oħra ta' tniġġis jonqsu.
- Ilma iktar nadif.
- Immaniġjar aħjar ta' l-iskart: nistinkaw sabiex is-saħħa pubblika titjieb permezz ta' inqas emissjonijiet u inqas tniġġiż mill-postijiet fejn ser naħżnu l-iskart.
- Żoni naturali mħarsa għandhom jiżdiedu sabiex ingawdu l-ambjent ta' madwarna.

L-investiment ambjentali u t-teknoloġija iktar moderna għandhom itejbu l-effiċjenza ekonomika u jkattru l-produt-tivita` tal-kumpaniji. Għall-industrija, immaniġġjar tajjeb ta' l-iskart iġib iktar effiċjenza. Kwalita` ta' ilma aħjar ifisser inqas spejjeż ta' produzzjoni u taż-żamma tat-tagħmir għax it-tagħmir ma jġarrabx ħsara bl-ilma maħmuġ.

